

32004D0021

9.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 5/87

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Diċembru 2003

li tiffissa allokazzjonijiet indikattivi lir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, Taqsima ta' Garanzija, għal miżuri dwar żvilupp rurali għall-perjodu 2004 sa' 2006

(2004/21/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Billi:

- (1) l-alkokazzjoni ta' approprijazzjoniet kommessi għal miżuri dwar żvilupp rurali integrat fi programmi ta' Għan 1 għandha tkun ko-finanzjata mill-FAEGG Taqsima Gwida skond l-Artikolu 35(2), l-ewwel inċiż, ta' Regolament (KE) Nru 1257/1999.
- (2) is-Sostenn mill-Komunità għal miżuri oħra dwar żvilupp rurali, għandhom ikunu ko-finanzjati mill-FAEGG Taqsima Garanzija skond l-Artikolu 47a(1) ta' Regolament (KE) Nru 1257/1999.
- (3) il-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu f'Kopenhagen f'Diċembru 2002 iffissa il-perspettiva finanzjarja li tapprattjeni għal żvilupp rurali u miżuri finanzjarji magħhom mill-FAEGG Taqsima Garanzija għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, l-Polonja, l-iSlovenja u l-iSlovakkja għall-perjodu 2004 sa' 2006 (L-Anness I tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza).
- (4) skond l-Artikolu 46(2) ta' Regolament (KE) Nru 1257/1999, il-Kummissjoni għandha tagħmel allokazzjonijiet inizjali lil Stati Membri għal miżuri dwar żvilupp rurali ko-finanzjati taħt l-FAEGG Taqsima Garanzija, mqasma fuq bażi annwali u jintużaw kriterji oġġettivi li jieħdu in konsiderazzjoni sitwazzjonijiet partikolari u ħtiġiet, u l-impenni li għandhom jittieħdu għall-ambjent, ħolqien ta' impjiegi u manutenzjoni tal-pajsaġġ.

- (5) L-alkokazzjonijiet indikattivi espressi fil-prezzijiet ta' l-1999 li jidhru fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-iSlovenja u l-iSlovakkja ⁽²⁾ ġew konvertiti għal prezzijiet korrenti,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-alkokazzjonijiet inizjali lir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-iSlovenja u l-iSlovakkja għal sostenn ta' żvilupp rurali ko-finanzjat mill-FAEGG Taqsima Garanzija għall-perjodu 2004 sa' 2006 għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ bla ħsara għal u fid-data tal-bidu tas-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-iSlovenja u l-iSlovakkja.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.06.99, p. 80. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1783/2003 (ĠU L 270, 21.10.03, p. 70).

⁽²⁾ ĠU L 236, 23.09.03, p. 974.

L-ANNESS

Sostenn għal żvilupp rurali (2004 sa' 2006)**Allokazzjoni annwali**

(f'EUR miljuni)

Allokazzjoni iniżjali f'termini ta' prezzijiet korrenti				
	2004	2005	2006	2004 sa' 2006
Repubblika Ċeka	163,3	182,0	197,5	542,8
Estonja	45,3	50,4	54,8	150,5
Ċipru	22,5	25,1	27,2	74,8
Latvja	98,7	110,0	119,4	328,1
Lituwanja	147,3	164,1	178,1	489,5
Ungerija	181,2	201,9	219,2	602,3
Malta	8,1	9,0	9,8	26,9
Polonja	862,4	961,0	1 043,0	2 866,4
Slovenja	84,7	94,4	102,5	281,6
Slovakkja	119,5	133,1	144,5	397,1